MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 351/2011

**A B**
**vs**

**C D nee' E u b'digriet tal-1 ta' Frar 2012 l-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-PL Noel Scerri gew nominati bhala Kuraturi Deputati halli jirrapresentaw l-interess tal-minuri L D;**
**H D (48166M);**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

1. Illi r-rikorrent ressaq din il-kawza ghaliex hu l-missier bijologiku tal-minuri Leonick Tanti minn relazzjoni li huwa ghandu mal-intimata Daniela Tanti liema intimata sseparat minn ma' zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-

atti tan-Nutar Dottoressa Elena Farrugia datat 4 ta' Frar 2011;

2. Illi minhabba l-presunzjoni 'iuris tantum' li hemm fil-ligi, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra bhala missier fuq l-att tat-twelid hawn anness u immarkat bhala Dok. 'NA1' lil zewg l-intimata Daniela Tant u cioe' l-intimat l-iehor Henry Tanti;

3. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza sabiex din il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta' Perit nominat mill-Qorti, tiddikjara li Henry Tanti m'hux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri hawn fuq imsemmi u li hu r-rikorrent li hu l-missier ta' Leonick Tanti u sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid;

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-intimat Henry Tanti m'huwiex il-missier naturali u bijologiku tal-minuri Leonick Tanti u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand.

2. Tiddikjara ilii r-rikorrent hu l-missier naturali u bijologiku ta' Leonick Tanti;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 33406 hawn anness u dana billi jitnehhew id-dettalij koncernanti l-intimat Henry Tanti u minflok jitpoggew id-dettalji tar-rikorrent Emanuel maghruf ahjar bhala Noel Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 6971(M) imwieled Birkirkara u joqghod Birkirkara, bin Anthony Attard (haj);

4. Tordna wkoll lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 33406 hawn anness u dana billi kunjom il-minuri Leonick Tanti jigi mibdul ghal kunjom ir-rikorrent u cioe' Attard.

5. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Leonick Tanti, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri Leonick Tanti, l-intimata Daniela Tanti kienet wettqet adulterju mal-attur Emanuel sive Noel Attard u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata Henry Tanti bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri Leonick Tanti, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri Leonick Tanti ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

4. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess Emanuel sive Noel Attard sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Leonick Tanti, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post

ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled t-tifel Leonick Tanti. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit Leonick Tanti;

5. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem Henry Tanti, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 4332/2011;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut Henry Tanti tal-1 ta’ Lulju, 2012 li permezz taghha huwa qieghed jammetti it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat tar-rikorrenti Emanuel sive Noel Attard, salv ghall-kap ta’ l-ispejjez b’dan l-esponenti m’ghandux jhallas l-ispejjez ta’ din il-procedura;

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta’ Gunju 2012;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attur jikkontendi li huwa l-missier biologiku tal-minuri Leonick Tanti, minkejja li l-istess minuri twieled fiz-zwieg u gie registrat bhala iben l-intimata Daniela Tanti u l-intimat zewgha Henry Tanti. Kien ghalhekk li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri gie mnizzel li huwa l-wild naturali tal-intimat Henry Tanti. L-attur, permezz ta' din il-kawza, qieghed jitlob lill-Qorti sabiex, filwaqt li tiddikjara li l-intimat Henry Tanti mhux il-missier naturali tal-minuri Leonick Tanti, tiddikjara li huwa l-attur stess li huwa l-missier naturali tal-istess minuri u konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibda jirrispekkja l-verita' tal-identita' tal-missier naturali tieghu.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tal-attur fejn jghid li f'Lulju tas-sena 2010 beda r-relazzjoni tieghu mal-intimata Daniela Tanti. Frott tar-relazzjoni taghhom, nhar it-28 ta' Ottubru 2011 twieled il-minuri Leonick. L-attur jghid ukolli li Daniela Tanti u zewgha isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia tal-4 ta' Frar 2011. L-attur jghid ukoll li m'ghandux dubju li huwa l-missier naturali tal-minuri Leonick peress li hu u l-intimata Daniela Tanti kienu ilhom jghixu flimkien sa' minn Settembru 2010.

Min-naha taghha, l-intimata Daniela Tanti tikkorrabora dak li jghid l-attur, fis-sens li tikkonferma li bdiet relazzjoni mal-attur f'Lulju 2010 (liema relazzjoni ghadha ghaddejja) u bdew jghixu flimkien f'Settembru tal-istess sena. L-intimata tikkonferma wkoll li hija sseparat minn mal-intimat zewgha Henry Tanti permezz ta' kuntratt pubbliku tal-4 ta' Frar 2011 u li fiz-zmien li gie ffirmat dan l-istess kuntratt, kienet ilha tghix mal-attur ghal hames xhur. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jnizzel lil dan il-minuri bhala l-wild naturali tal-intimat Henry Tanti u

dan *ai termini* tal-presunzjoni legali li tohrog mill-ligi stess, precizament f'Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimata tghid ukoll li m'ghandha ebda dubju li l-minuri huwa l-wild naturali tal-attur u dan ghaliex qatt ma kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra minn qabel ma marru jghixu flimkien.

L-intimat Henry Tanti, permezz ta' nota guramentata prezentata in atti fl-1 ta' Gunju 2012, ammetta t-talbiet attrici salv ghall-kap tal-ispejjez.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz, fis-sens li fl-ewwel lok mhux edott mill-fatti tal-kawza u fit-tieni lok, jaghmel referenza ghall-fatt li l-attur irid necessarjament jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-intimata Daniela Tanti kkommettiet adulterju u li fattwalment il-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat Henry Tanti izda l-wild tal-attur. Il-Qorti tirrileva li dwar il-paternita' tal-minuri hemm prova sufficjenti *ai termini* tal-Artikolu 77A tal-Kap 16 li l-istess minuri huwa verament il-wild naturali tal-attur Emanuel sive Noel Attard u dan *stante* li l-partijiet kollha qablu u kkonfermaw li din hija l-verita'.

Illi in vista tax-xhieda prodotta u in vista tad-dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-intimat Henry Tanti, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jigi applikat l-Artikolu 77A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk il-Qorti hija konvinta wkoll li l-attur irnexxilu jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat Henry Tanti m'huwiex il-missier naturali u biologiku tal-minuri Leonick Tanti;
(2) Tiddikjara li Emanuel sive Noel Attard huwa l-missier naturali u biologiku ta' Leonick Tanti;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Leonick Tanti mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘Henry Tanti’ ‘Pieta, Malta’ u minflok jinserixxi isem u kunjom ‘Emanuel sive Noel Attard, numru tal-karta tal-identita’ numru 6971M, ta’ erbghin (40) sena, bil-post tat-twelid tieghu u residenti Birkirkara, iben Anthony Attard bil-konnotati tieghu inkluzi dawk id-dettalji dwar il-genituri tieghu;
(4) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella l-kliem “the said” li jinsabu qabel isem Henry Tanti, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-twelid tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-intimata Daniela Tanti fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------